MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2008

Numru. 351/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Grech bin Lewis u Grace nee' Grech, imwieled fis-16 ta' Lulju, 1938 u residenti 39, Triq l-Assunta, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 54038(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Grech li gie akkuzat talli nhar l-20 ta' April, 2008 ghal habta ta' 06:15hrs fi Triq San Pietru limit ital-Gharb, Ghawdex:

1) Kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu u garr f’karozza reg. no AAA 752 senter double barrel tal-marka Zamacila bin-numru tar-registrazzjoni 11722 u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
2) Kif ukoll bhala persuna illi f’ismu ghandu licenzja biex ikollu fil-pussess tieghu senter tal-marka Zamacila numru tar-registrazzjoni 11722 naqas li jzomm din l-arma fil-kostodja tieghu b’tali mod li din l-arma setghet tigi f’idejn haddiehor;
3) Kif ukoll naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenzja kif mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4) Kif ukoll matul stagun maghluq ghall-kacca u tehid tal-ghasafar kien barra fil-miftuh, fil-kampanja, sew fuq l-art tieghu, sew fuq l-art ta’ xi persuna ohra, jew ukoll barra minn din l-art, garr arma tan-nar u cioe’ senter double barrel tal-marka Zamacila bin-numru 11722 licenzjat mal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tehid tal-kacca u dan sar bi ksur tar-Regolament 15 tal-Avviz Legali 79/2006;
5) U fl-ahhar nett waqt stagun maghluq ghall-kacca mhux minn fuq il-bahar garr munizzjon u cioe’ 34 skartocc bi ksur tal-Art 18(1)A A.L. 79/06;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra li tinghata piena skond il-Ligi tordna konfiska ta’ l-oggetti esebiti, kif ukoll skwalifika tal-licenzja tal-kacca ghal mhux anqas minn sena;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula minn Dr. Georgine Grech ghan-nom tal-imputat ghar-rigward tat-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) akkuzi;

Rat illi Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi;

Ikkunsidrat;

Illi fuq ammissjoni tal-imputat ghar-rigward tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dawn l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat r-Regolamenti 15, 18(1)(a), tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u Sec 5 Chapter 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500) u tordna l-konfiska tad-dokument C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------